MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Numru 838/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**
v

**GRAZIO CALLEJA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GRAZIO CALLEJA** t'erbghin sena, bin Manuel u Concetta nee Scerri, imwieled Pieta nhar s-sitta ta' Frar 1968 u residenti Madonna ta' Pinu, Triq il-Qala, Hal Tarxien, detentur ta' karta tal-identita numru 104468M, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fil-lejl ta' bejn l-ghaxra w il-hdax ta' Ottubru 2003 bejn is-sitta ta' filghodu w t-tlieta ta' filghodu minn gewwa l-fond numru 9, Triq San Tumas, Hal Tarxien, ikkommetta sert t'oggetti li jeccedi l-elf lira maltin, ammont ta' flus li jeccedi l-tlett elef lira maltin kif wkoll sebgha mija u hamsin euro ghad-dannu ta' Pierre

Cremona liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. Talli sar recidiv billi kiser l-kundizzjonijeit ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi;

4. Talli f’dawn il-Gzejjer fil-hdax t’Ottubru 2003, u f’dawn l-ahhar sitt xhur qabel din d-data, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond d-disposizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament numru erbgha (4) tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar l-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Talli f’dawn il-Gzejjer, fil-hdax t’Ottubru 2003 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond d-disposizzjonijiet tar-raba (4) w is-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza, meta ma

kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament numru tmienja (8) tar-Regoli tal-1939, dwar l-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar l-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu personali tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal' esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) bhala Dok. YF a fol 10 tal-atti, kif wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tnax t'Ottubru 2003 esibita bhala Dok YF a fol 21 et seq tal-atti.

Rat wkoll l-process verbal redatt mill-allura Magistrat Dottor Abigail Lofaro nhar d-dsatax ta' Novembru 2003 esibit a fol 53 et seq tal-atti.

Semghet **l-ammissjoni tal-imputat** liema ammissjoni tinsab registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbgha ta' Dicembru 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu. Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-piena fl-istess seduta tal-erbgha ta' Dicembru 2008.

Rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 6 et seq tal-atti minn fejn jirrizulta li mis-sena 1992 sas-sena 2001 l-imputat kellu mill-inqas hames reati dwar serq, pussess ta' droga Eroina, evazjoni ta' taxxa, u traffikar ta' droga fejn inghata perjodi ta' habs, sentenzi sospiz u anke multi.

Il-Qorti ghalhekk rat li l-imputat ma tghallimx mill-passat tieghu w insista li jkompli fit-triq tal-kriminalita w ghalhekk din il-Qorti ser timponi piena karcerarja effettiva fuqu sabiex jitghallem darba ghal dejjem li ghandu jbiddel l-hajja hazina li qabad.

**Ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280, 281, 334, 49, 50, 289, 532A, 532B u 533 tal-Kocidi Kriminali, tiddikjara li ssib lil imputat GRAZIO CALLEJA hati tal-akkuzi kif minnu ammessi u tiddeciedi li tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn (2) prigunerija effettivi.**

Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe Dottor David Farrugia Sacco [fol 78], PS 602 Jonathan Attard u PS 659 Jeffrey Hughes [fol 144], PS 36 Sergio Azzopardi u PC 453 Brian Cassar [fol 176], Mario Mifsud [fol 188], Joseph Zammit [fol 225], PS 1374 Edgar Dalli [fol 241], Prokuratur Legali Giuliana Scerri Ferrante [fol 342] fl-ammont komplessiv ta' elf sitt mija tlieta w disghin euro [€1693] u dan fi zmien sena mill-lum u jekk l-imputat jonqos li jhallas dan l-ammont, l-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.

Tordna li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.

**Finalment tordna wkoll d-distruzzjoni tad-droga esibita f’dan il-procediment w ghalhekk tordna lil analista Godwin Sammut sabiex fil-presenza tar-Registratur tal-Qorti, jeffettwa tali distruzzjoni, b’dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax il-jum mill-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-*Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2006 fl-ismijiet* Il-Pulizija v Anthony Joseph Portelli.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------